**26 ta' Mejju, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Borg

*versus*

Nobbli Maria Testaferrata Bonici

**Appalt — Mandat — Lokazzjoni d'Opera — Perit — Professjonista — Prova — Stima.**

*Meta min jinkariga perit biex jeħodlu ħsieb il-kostruzzjoni ta' bini jallega li huwa ma k'enx qiegħed jirrikjedi biss minn għand il-perit l-opra tiegħu professjonali bħala perit, imma*

*kien qiegħed jagħmel miegħu kuntratt ta' appalt għal dak ix-xogħol bi prezz stabbilit, ikun qiegħed jallega li nħolqot bejnu u bejn dak il-perit relazzjoni li mhix normali u solita bejn klijent u professjonista; u għalhekk wieħed għandu jeżiġi minn għand min jagħmel din l-allegazzjoni prova preċiża u konkludenti tagħha.*

*Billi l-kommittent jitlob lill-perit stima tax-xogħol li jkun ser isir, dan ma jfisserx illi kien qiegħed isir ftehim bejn il-kommittent u l-perit dwar kemm dan kien qiegħed joffri biex jieħu x-xogħol, imma jfisser biss li l-perit ikun qiegħed jagħti lill-kommittent, kif huwa normali meta wieħed iqabbad perit biex jaħsiblu għal biċċa xogħol, kalkolu preventiv tal-ammont li jidher bejn wieħed u ieħor involut.*

*U billi l-imgħallem li għandu jeżegwixxi x-xogħol jiġi mqabbad mill-perit u minnu jiġi mqiegħed f'kuntatt mas-sid, jibqa' dejjem li l-perit jassumi d-direzzjoni purament teknika u professjonali, mentri l-imgħallem jassumi l-eżekuzzjoni tax-xogħol di fronti għall-kommittent; u fir-relazzjonijiet tiegħu mal-imgħallem il-perit jaġixxi bħala mandatarju tal-kommittent.*

*Fid-dottrina hu kontrovers jekk, in teżi ġenerali u astratta, in-natura tar-relazzjoni ġuridika ta' perit arkitett vis-a-vis l-kommittent jew sid li jinkarigah bid-direzzjoni teknika tax-xogħol, hix relazzjoni ta' mandat jew ta' lokazzjoni d'opera, jew relazzjoni "sui generis"; però, meta s-sid iqabbad perit biex jeħodlu ħsieb il-kostruzzjoni ta' fond, billi jqabbad imgħallem hu u jagħmel dak li jkun hemm bżonn, ir-relazzjoni li tinħoloq hija ta' mandat, u l-perit jobliga lis-sid di fronti għall-kuntrattur; b'mod li, għall-ħlas li jkun dovut lill-kontrattur, dan jista' jaġixxi direttament kontra l-kommittent, u dan ma jistgħax jgħid li ma għandu ebda relazzjoni miegħu.*

*Lanqas hi raġuni biex teskludi din il-konklużjoni l-fatt li l-kuntrattur jkun qal lis-sid biex ma jindaħallux dwar xi biċċa xogħol; għax ir-responsabilità li x-xogħol isir sewwa skond is-sengħa, speċjalment għal dak li hu nuqqas ta' periklu u solidità tal-bini, hija tal-kuntrattur (u talvolta*

*tal-per:t), u għalhekk li ma jaċċettax suġġerimenti li jid-hrulu mhux teknikament f'lokhom, jew ordnijiet, mis-sid.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza preċedenti tagħha tal-24 ta' Marzu 1958, li biha ġew deċiżi l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta. F'dik is-sentenza jinsabu rijassunti t-talba tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, kif ukoll is-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Ottubru 1957, li min-nha hu l-appell;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Bis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti ddikjarat pre-liminarment illi l-konvenuta hija debitriċi versu l-attur tax-xogħol tal-appalt li hu eżegwixxa fil-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni fuq inkarigu tal-Perit Agius, bħala mandatarju tal-konvenuta, f'dak l-ammont li jkun jirriżulta f'din il-kawża; u f'dan is-sens ċaħdet l-eċċezzjoni opposta fl-ewwel lok mill-konvenuta; bl-ispejjeż kontra tagħha;

Din l-eċċezzjoni tal-konvenuta kienet fis-sens illi hija nkarigat lill-Perit Agius biex jagħmel ix-xogħolijiet in kwistjoni, u ġie stabbilit l-ammont ta' £100 ċirka bejniet-hom, u hi qatt ma kellha relazzjoni mal-attur;

Għalhekk, il-kwistjoni li għandha issa tiġi deċiża fuq l-appell hi din; jekk ċjoè, bejn l-attur u l-konvenuta, għar-rigward tax-xogħolijiet in kwistjoni, kienx jeżisti rapport ġuridiku li jintitola lill-attur jaġixxi għal-ħlas kontra tagħ-ha, kif għamel, jew inkella r-rapporti tal-konvenuta kienux biss mal-Perit Agius, b'mod illi l-azzjoni tal-attur kellha tkun diretta talvolta kontra dak il-Perit, u mhux kontra tagħha;

Ikkunsidrat;

Is-sottomissjoni tal-konvenuta timporta illi, meta hija nkarigat lill-Perit Agius biex jagħmlilha x-xogħolijiet, hi ma kienetx qegħedha tirrikjedi minn għandu l-opra tiegħu professjonali biss bħala arkitett u nġinier ċivili, imma kie-

net, minflok, qegħedha tagħmel miegħu kuntratt ta' appalt għal dawk ix-xogħolijiet, bi prezz stabbilit. Billi din hi relazzjoni bejn klijent u professjonista li mhix dik normali u solita, wieħed għandu d-dritt jeżiġi minn għand il-konvenuta, li qegħedha takkampaha, prova preċiża u konkludenti;

Fil-fehma tal-Qorti, din il-prova ma saritx. Infatti, dwar il-ftehim li l-konvenuta stess tgħid li għamlet mal-Perit Agius, dak kollu li qalet fix-xhieda tagħha hu dan . . . . . Kieku anki kellha tiġi aċċettata din il-versjoni tal-ftehim mingħajr xejn iżjed, ma jistgħax jingħad illi b'daqshekk ġie konkjuż bejn il-konvenuta u l-Perit Agius kuntratt ta' appalt. Ma hemm xejn fiha li juri b'mod perswadenti li l-Perit Agius kien dak li hu qiegħed jidher u jinnegozja bħala kuntrattur u jassumi li jagħmel ix-xogħolijiet li xtaqet il-konvenuta bħala tali, telf u qliegħ għalieh, milli pjuttost joffri s-servizzi tiegħu bħala perit arkitett fil-kors normali u ordinarju tal-professjoni tiegħu, kif jidher mill-provi li soltu kien jagħmel mal-konvenuta u l-familja tagħha. Ta' min josserva illi dak li talbet il-konvenuta lill-perit biex jagħtiha kienet "stima" tax-xogħol; hi u l-perit ma kienux qegħedin jifthemu fuq il-prezz li l-perit kien qed joffri biex jieħu x-xogħol; hu kien biss qiegħed jagħti lill-konvenuta, kif huwa normali meta wieħed iqabbad perit biex jaħsiblu għal ċertu xogħol, kalkolu preventiv tal-ammont li jidher bejn wieħed u ieħor involut. L-aħjar konferma ta' dan qegħedha fin-nota tal-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni annessa tal-istess konvenuta, fejn jingħad illi s-somma ta' £100 msemmija mill-perit kienet "ċirka";

Li l-Perit Agius ma kienx dak il-ħin qiegħed jieħu appalt għalieh innifsu minn għand il-konvenuta jidher ċar minn dak li ssuktat tgħid l-istess konvenuta fix-xhieda tagħha. "Qabel ma nbeda x-xogħol . . . . .;

Il-brani fuq ċitati mix-xhieda tal-konvenuta stess juru illi bejnha u bejn il-Perit Agius ġie miftiehem li kellu jkun hemm imgħallem, li kellu jieħu ħsieb l-eżekuzzjoni tax-xogħol. Juru wkoll li dan l-imgħallem, ċjoè l-attur, fil-fatt inġieb f'kuntatt mal-konvenuta, u li, salva d-direzzjoni pu-

rament teknika u professjonali, il-ftehim dwar ix-xogħol li kellu jsir sar bejn l-attur u l-konvenuta, jew, għall-anqas, bejn l-attur u l-Perit Agius fil-preżenza u flimkien mal-konvenuta. Anzi, kif qalet il-konvenuta stess, ix-xogħol "iddiriġietu hi";

Però jista' jingħad aktar. Kuntratt ta' appalt *mal-Perit* Agius ma setgħax, naturalment, jiġi konkjuż mingħajr ir-rieda u l-kunsens tiegħu li jintrabat b'dak in-negozju ġuridiku. Apparti milli din l-intenzjoni da parti tal-perit tidher eskluża minn dak stess li xehdet il-konvenuta, il-Perit Agius innifsu, fix-xhieda tiegħu, qal ċar illi x-xogħol tiegħu kien "bħala perit direttur" (*fol.* 42). Hu *kien* jagħti d-direzzjonijiet lill-attur ta' kif għandu jsir ix-xogħol, wara li l-konvenuta kienet tgħidlu x'xogħol trid. Xejn ma jsostni t-teżi tal-konvenuta l-fatt illi lill-attur bħala l-imgħallem qabbdu l-Perit Agius, għax hu jispjega illi meta l-konvenuta nkarigatu bħala perit, hi staqsietu jekk jafx b'xi mgħallem, u hu qalilha li jibgħatiha wieħed, kif fil-fatt bagħtilha jew ħadilha lill-attur. Lanqas ma *jfisser xejn il-fatt li l-konvenuta* kienet tagħmel l-ilmenti tagħha dwar ix-xogħol lill-perit u kkonsenjat lilu l-flus għall-ħlas tax-xogħol; dawn mhumiex inkombenzi li joħorġu mill-isfera ta' prestazzjonijiet normali li jagħti perit direttur tax-xogħol meta l-kommittent, jew sid, kif jiġri ta' spiss, u kif il-konvenuta tgħid *li għamlet* fil-każ *preżenti* (fol. 96), "iħalli f'idejh". Il-Perit Agius, meta qabbad lill-attur, infurmah li x-xogħol kien tal-konvenuta, u qallu "li tgħidlek hi għamlu" (fol. 96). Mbgħad, fuq il-post tax-xogħol, waqt li l-Perit Agius kien jispjega lill-attur kif ix-xogħol teknikament kellu jsir, hu kien jistaqsi lill-konvenuta jekk kienx hemm xi ħaġa oħra, u hi kienet tirrispondi "għamel dak li hemm bżonn" (fol. 95). Dan kollu qalu l-Perit Agius fix-xhieda tiegħu, u hu korroborat mill-attur, li qal illi, skond l-istruzzjonijiet tal-perit, hu kellu jagħmel dak li tgħidlu l-konvenuta, u li waqt il-kors tax-xogħol kienet appuntu l-konvenuta li kienet tindika x-xogħol li kellu jagħmel (fol. 27 u 28). Del resto, konferma tal-istess ħaġa hija wkoll id-dikjarazzjoni tal-istess konvenuta illi x-xogħol "iddiriġietu hi". Anki jekk hi vera ċ-ċirkustanza illi xi darba l-attur qal lill-konvenuta biex ma tindaħallux dwar xi biċċa xogħol, din ma tħassarx dak

kollu li ntqal fuq. Infatti, bħala kuntrattur, ir-responsabilità li x-xogħol isir sewwa skond is-sengħa, speċjalment għal dik li hi solidità u nuqqas ta' perikolu, kienet tal-attur (u talvolta tal-perit), u għalhekk hu kellu mhux biss iddritt, imma anki l-obligu li ma jaċċettax suġġerimenti li jidhrulu mhux teknikament f'lokhom, jew ordnijiet mis-sid. Dan hu ormaj insenjament kostanti tal-Qrati Tagħna (v. Vol. XXV-I-727; XXVII-I-381; XXIX-II-1137; App. Ċiv. "Fenech vs. Agius", 18. 2. 1957);

Ikkunsidrat;

Minn dak li ntqal jidher ċar illi relazzjoni ġuridika għar-rigward tax-xogħolijiet in kwistjoni bejn il-konvenuta u l-attur kien hemm. Il-provi juru illi din ir-relazzjoni aktarx inħolqot direttament. Il-perit Agius ippreżenta lill-attur, u l-konvenuta direttament qabbditu x-xogħol, u kienet a mano a mano tordnalu x'għandu jsir. Imma anki jekk dan ma hux il-każ, ma hemmx dubju illi fir-relazzjonijiet tiegħu mal-attur il-perit kien jidher u jaġixxi, a konoxxenza tagħha, bħala mandatarju tal-konvenuta. Hi x'inhi in teżi ġenerali u astratta n-natura tar-relazzjoni ġuridika ta' perit arkitett vis-a-vis l-kommittenti jew sid li jinkarigah bid-direzzjoni teknika ta' xogħol, jekk ċjoè hjiex dik ta' mandat jew lokazzjoni d'opera, jew relazzjoni "sui generis" — ħaġa li hi kontroversa fid-dottrina — fil-każ preżenti ċ-ċirkustanzi juru illi l-konvenuta qabbdet lill-Perit Agius biex, in konnessjoni max-xogħolijiet li riedet tagħmel, isibilha lill-imgħallem u jagħmel dak li kien hemm bżonn. Hi stess xehdet li "ħalliet f'idejh". F'dak li għamel il-Perit Agius, bil-konoxxenza tal-konvenuta wera li kien qiegħed jaġixxi fl-interess tagħha u għan-nom tagħha. Dan fil-każ preżenti kien jimporta mandat. Hekk ukoll kien ġie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-kawża "Spiteri vs. A.I.C. Vassallo", deċiża fil-21 ta' Jannar 1954, li fiha kien hemm fattezzi li jixbħu ħafna l-każ preżenti;

Fl-aħħarnett, biex wieħed jabbonda, jista' wkoll jiġi rilevat illi fil-korrispondenza li għaddiet bejn il-konvenuta u l-Perit Agius dwar il-ħlas tal-kont tal-attur, lanqas darba

ma ġie allegat mill-konvenuta illi lill-attur ma kienetx tafu għax qatt ma kellha ebda rapport miegħu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenuta u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.